VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 49 tal-2019

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2019 dwar Ftehim Barra l-Qorti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 dwar Ftehim Barra l-Qorti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

"l-Awtorità" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku" jew "WEEE" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku); L.S. 549.89.

"tagħmir elettriku u elettroniku" jew "EEE" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku).

Ftehim barra l-qorti.

3. (1) Meta l-Awtorità temmen li persuna tkun wettqet reat taħt xi dispożizzjoni tal-Att jew r-regolamenti magħmula taħtu, l-Awtorità tista' tidħol fi ftehim barra l-qorti bil-miktub mal-awtur tar-reat, fejn l-imsemmi awtur tar-reat iħallas l-ammont ekwivalenti għal multa li tkun dovuta bħala penali, u meta jiġi ffirmat dak il-ftehim miż-żewġ partijiet, kull responsabbilità kriminali tal-awtur tar-reat għandha tigi estinta fir-rigward tal-istess reat, li għalih l-awtur tar-reat daħal fi ftehim barra l-qorti:

Iżda l-ħlas tal-piena skont il-ftehim barra l-qorti u t-twettiq ta' kwalunkwe azzjoni imposta, m'għandhiex twassal għall-estinzjoni ta' kwalunkwe responsabbilità ċivili biex tagħmel tajjeb għad-danni lil xi persuna, jew lill-Awtorità, jew lill-ambjent f'termini ta' responsabbilità ambjentali.

(2) Il-ftehim għandu jkun fih:

(a) id-deskrizzjoni tar-reat;

(b) kwalunkwe passi li għandhom jittieħdu mill-awtur tar-reat biex jirrimedja r-reat; u

(ċ) il-penali li għandha titħallas mill-awtur tar-reat fir-rigward tar-reat kif speċifikat fl-Iskeda.

(3) Meta l-awtur tar-reat ma josservax il-ftehim barra l-qorti imressaq mill-Awtorità fil-perjodu stipulat, l-Awtorità għandha tipproċedi billi tistitwixxi proċeduri kriminali kontra l-awtur tar-reat:

Iżda l-perjodu ta' żmien stipulat mill-Awtorità f'dak il-ftehim barra l-qorti m'għandux ikun inqas minn ħmistax-il (15) jum u mhux iżjed minn sittin (60) jum.

Fond għall-Ħlasijiet Amministrattivi.

4. (1) Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9) tal-artikolu 32 tal-Att, l-Awtorità qegħda twaqqaf il-Fond għall-Ħlasijiet Amministrattivi.

(2) Fil-Fond għall-Ħlasijiet Amministrattivi għandu jitħallas kull ammont irċevut mill-Awtorità bħala:

(a) ftehim barra l-qorti;

(b) multa amministrattiva; u

L.S. 549.72.

(ċ) kwalunkwe multa applikabbli skont ir-Regolamenti dwar Multi Għal Kull Ġurnata rigward l-Ambjent.

Ġestjoni tad-dħul iġġenerat taħt dawn ir-regolamenti.

5. Bla ħsara għal kwalunkwe regolamenti oħra magħmula taħt l-Att, id-dħul kollu ġġenerat taħt dawn ir-regolamenti għandu jiġi ddepożitat fil-Fond għall-Ħlasijiet Amministrattivi:

Iżda kull dħul ġenerat permezz ta' kwalunkwe ftehim barra l-qorti fir-rigward ta' reati taħt ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Żmienhom), ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġjar tal-Iskart, ir-Regolamenti dwar Maniġġjar ta' Skart (Batteriji u Akkumulaturi) u r-Regolamenti dwar L-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) għandu jiġi ddepożitat fil-Fond għall-Immaniġġar tal-Iskart stabbilit fir-Regolamenti dwar l-Iskart.

L.S. 549.36.
L.S.549.43.
L.S.549.54.

L.S.549.89.

L.S.549.63.

SKEDA
(Regolament 3)

Penali Applikabbli għall-Produtturi ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku

	Reat	Multa dovuta (€)
i.	In-nuqqas min-naħa ta' produttur li japplika għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid taħt ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S. 549.89) qabel l-1 ta' Settembru 2015: Iżda tali produttur irid ikun applika għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid taħt ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S. 549.89) sal-31 ta' Diċembru 2015, u stabbilixxa jew iffinanzja sistemi għall-ġbir ta' WEEE li jirriżulta minn prodotti ta' EEE mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Settembru 2015, jiġifieri, għal WEEE li jirriżulta minn prodotti ta' EEE mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' nuqqas ta' konformità: Iżda ukoll dan il-ftehim barra l-qorti għandu jibqa' applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2019.	50
ii.	In-nuqqas ta' produttur li jissodisfa obbligi oħra, ħlief għar-reġistrazzjoni jew it-tiġdid taħt ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S. 549.89) qabel l-1 ta' Settembru 2015: Iżda tali produttur irid ikun applika għar-reġistrazzjoni jew għat-tiġdid taħt ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S. 549.89) sal-31 ta' Diċembru 2015, u stabbilixxa jew iffinanzja sistemi għall-ġbir ta' WEEE li jirriżulta minn prodotti ta' EEE mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Settembru 2015, jiġifieri, għal WEEE li jirriżulta minn prodotti ta' EEE mqiegħda fis-suq matul il-perjodu ta' nuqqas ta' konformità: Iżda ukoll dan il-ftehim barra l-qorti għandu jibqa' applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2019.	50

iii.	In-nuqqas ta' produttur li japplika għar-reġistrazzjoni wara l-1 ta' Jannar 2016 skont ir-regolament 16(2) tar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S. 549.89): Iżda sabiex il-produttur jidħol f'dan il-ftehim barra l-qorti mal-Awtorità, il-produttur irid ikun applika għar-reġistrazzjoni skont ir-regolament 16(2) tal-istess Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S. 549.89).	750 għal kull tunnellata ta' tagħmir elettriku u elettroniku imqiegħed fis-suq sakemm il-produttur japplika għar-reġistrazzjoni.
iv.	In-nuqqas ta' produttur li jġedded ir-reġistrazzjoni wara l-1 ta' Jannar 2016 skont ir-regolament 16(3) tal-istess Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S. 549.89): Iżda sabiex il-produttur jidħol fl-imsemmi ftehim barra l-qorti mal-Awtorità, il-produttur irid ikun ġedded ir-reġistrazzjoni skont ir-regolament 16(3) tar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) (L.S. 549.89).	750 għal kull tunnellata ta' tagħmir elettriku u elettroniku imqiegħed fis-suq mill-bidu tas-sena li fiha l-produttur kellu jġedded ir-reġistrazzjoni sakemm il-produttur japplika għat-tiġdid.